



Dokument ta' sessjoni

B9-0546/2021

29.10.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa skont l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura

dwar l-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa

Tom Vandendriessche, Filip De Man, Angel Dzhambazki, Andrey Slabakov, Elżbieta Kruk, Hermann Tertsch, Carlo Fidanza, Gianantonio Da Re, Joachim Stanisław Brudziński, Jaak Madison, Roman Haider, Markus Buchheit, Peter Lundgren, Ladislav Ilčić, Christine Anderson, Joachim Kuhs, Laura Huhtasaari, Herve Juvin, Teuvo Hakkarainen, Gerolf Annemans, Maximilian Krah, Milan Uhrík, Emmanouil Fragkos, Mathilde Androuët, Catherine Griset, Nicolaus Fest, Jorge Buxadé Villalba, Rob Rooker

Mozzjoni għal risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-attakki terroristiċi reċenti fl-Ewropa

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Artikolu 6 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 143 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi fit-13 ta' Ottubru 2021 f'Kongsberg, fin-Norveġja, seħħ attakk terroristiku Iżlamista li fih inqatlu ħamsa u ndarbu tnejn; billi fil-15 ta' Ottubru 2021 Sir David Amess, membru tal-Parlament tar-Renju Unit, safa attakkat u maqtul bi 17-il daqqa ta' sikkina minn Ali Harbi Ali, Musulman ta' oriġini Somala;
- B. billi s-suspettati taż-żewġ attakki t-tnejn huma Musulmani radikali; billi matul dawn l-aħħar deċennji ma tgħoddhomx il-vittmi tal-estremiżmu Iżlamista;
- C. billi l-estermiżmu Iżlamista huwa problema li qiegħda tikber fl-UE u hija amplifikata mill-migrazzjoni tal-massa mill-pajjiżi Musulmani;
1. Jesprimi d-dispjaċir kbir tiegħu għall-ħames vittmi fin-Norveġja u għall-omoċidju brutali ta' Sir David Amess;
 2. Jossierma li s-suspettati huma t-tnejn Iżlamisti, wieħed ikkonvertit u l-ieħor Musulman li ġej minn kuntest soċjoekonomiku privileġġjat;
 3. Jisħaq fuq il-fatt li m'hemmx post għall-Iżlamiżmu fl-Ewropa u dan jirrappreżenta l-akbar theddida għas-sigurtà tal-UE;
 4. Jistieden lill-Kummissjoni tikkundanna dawn l-atti ta' terrur, tindirizza l-kwistjoni tat-terroriżmu Iżlamista radikali u tiżviluppa strateġija ta' sigurtà kontra l-Iżlamiżmu; jistieden ukoll lill-Kummissjoni tgħaddi lill-immigranti mill-pajjiżi Musulmani minn kontrolli xierqa.